# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar is-7 ta' Novembru, 2022

Avviz tat-Talba numru: 141/2022 CL

**Pullicin Developers Ltd ( C40807)**

**VERSUS**

**Platinum Consultancy Ltd (C72102)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-13 ta' Mejju 2022 fejn s-socjeta attrici talbet sabiex is-socjeta konvenuta tigi ikkundanata thallas is-somma ta' erbat elef disa' mija u sitta u hamsin euro (€4,956), rapprezentanti prezz ta' kiri ta' skips u servizzi relatati. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 15 ta' Dicembru 2021 bil-procedura tal 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-mandat ta' sekwestru li gie ipprezentat mal-istess ittra u l-mandat ta' sekwestru li gie ipprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-pagament kontra is-socjeta konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, is-socjeta konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha (jew xi difensur ghaliha) ghas-smigh ta' dan il-procediment.

Ra l-atti processwali kollha. Fit-12 ta' Ottubru 2022, xehed id-direttur tas-socejta attrici David Haber, fejn ikkonferma li ma kien sar ebda hlas minn meta infethu l-proceduri u l-ammont kien ghadu kollu dovut. Ra d-dokumenti li gew ipprezentati.

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – (a) Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, s-socjeta konvenuta giet debitament notifikata bl-atti processwali. Minkejja tali notifika, is-socjeta konvenuta la resqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha quddiem it-Tribunal fl-udjenza li kienet tmiss wara n-notifika lilha ta' l-atti u, lanqas ma deher xi rapprezentant legali taghha sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza socjeta attrici fl-udjenzi sussegwenti. Tali socjeta konvenuta ghalhekk, kienet fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru, 2022.

Fil-konfront ta' l-imsemmija socjeta konvenuta gie prezentant kapitolu mis-socjeta attrici waqt is-seduta tat-12 ta' Ottubru 2022[1]. Dan il-kapitolu gie dikjarat bhala mistqarr fl-udjenza successiva, tas-26 ta' Ottubru 2022, peress li s-socjeta konvenuta naqset milli tirregistra dehera biex twiegeb ghal tali kapitolu. Fid-dawl ta' tali omissjoni, l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut. Ghalhekk dan ghandu jittiehed bhala mistqarr.

It-Tribunal josserva illi, in linea ta' principju, il-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament previsti u determinati mill-ligi taht il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad fid-decizjoni in re **Anthony Borg v. Samwel Veneziani[2]** illi "din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non-kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut."

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' erbat elef disa' mija u sitta u hamsin euro (€4,956), bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena mill-15 ta' Dicembru 2021[3] sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, flimkien mal-ispejjez marbuta mal-ittra numru 2698/21 u l-mandati relativi huma a kariku tas-socjeta konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**
**GUDIKATUR**

[1] Kapitolu a fol. 29
[2] Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998
[3]Data tal-ittra uffucjali 166A foll.15